**15 ta' Ġunju, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Filetti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**

Ivan Burridge u Perit Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Barbara bħala Diretturi u in rappresentanza ta' *Marsascala Development Limited* u b'nota ta' l-24 ta' Jannar, 1983, Ivan Burridge u Perit Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Barbara bħala Diretturi u in rappresentanza ta' *Santumas Shareholdings Ltd.*, assumew l-atti ta' din il-kawża minflok *Marsascala Development Ltd.*, in vista tal-fużjoni ta' din l-aħħar soċjetà ma' *Santumas Shareholdings Ltd.*

*versus*

Alfred Pisani bħala kuratur maħtur b'digriet ta' din il-Qorti tal-wieħed u għoxrin ta' Awissu (21) tas-sena elf disa' mija u disgħa u sebgħin (1979) biex jirrappreżenta d-diretturi tas-soċjetà "*The National Investment Company*" soċjetà inkorporata fil-Libja u lill-istess soċjetà

**Soċjetà – Fużjoni ta' Soċjetajiet – Interess Ġuridiku – Leġittimu Kontradittur – Ritrattazzjoni**

*Sentenza dwar żewġ Petizzjonijiet ta' Ritrattazzjoni kontra sentenza ppronunzjata mill-Qorti ta' l-Appell.*

*Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti ta' nuqqas ta' interess ġuridiku fil-petizzjonijiet għar-ritrattazzjoni proposti. Dan għaliex ma kienx hemm interess ġuridiku ta' Santumas li tipproponi ritrattazzjoni ta' kawża li sentenza tagħha lliberat lin-National Investment Company (NIC) mill-osservanza tal-ġudizzju meta wara ammissjoni ta' l-istess San Tumas li l-azzjoni kontra NIC ma tistax tirnexxi ugwalment u ċjoè ex admissis li r-riżultat finali ma jistax jinbidel imma tista' tinbidel il-motivazzjoni. Jiġi rrilevat illi s-sentenza attakkata kienet sabet illi l-fużjoni in kwistjoni kienet nulla.*

*Fi stadju ta' Appell, konċessa r-ritrattazzjoni hija l-Qorti ta' l-Appell li trid tirritratta l-kawża u m'huwiex possibbli li jintbagħtu lura l-atti lill-Qorti ta' l-ewwel grad, biex din tordna l-kjamata fil-kawża, għaliex altrimenti r-ritrattazzjoni tkun trid issir minn dik il-Qorti u mhux minn din. Fil-kawża preżenti dan ma kienx ikun fost raġunijiet oħra possibbli għaliex l-ewwel Qorti kienet iddeċidiet*

*favorevolment għat-teżi tal-petizjonant.*

*Ġew għalhekk miċħuda t-talbiet fil-petizzjoni kemm għaliex l-intimati ma kinux il-leġittimi kontradituri u kemm għaliex il-petizzjonanti ma setax ikollhom aktar in-neċessarju interess ġuridiku.*

1. Fit-30 ta' Novembru, 1988, din il-Qorti kienet ippronunzjat sentenza li biha lliberat ***The National Investment Company,*** mill-osservanza tal-ġudizzju billi rriteniet illi l-fużjoni li l-atturi alleġaw li saret bejn ***Marsascala Development Limited*** u ***Santumas Shareholdings Limited,*** kienet nulla, bir-riżultat illi ***Santumas Shareholdings Limited*** li kienet assumiet l-atti tal-kawża minflok ***Marsascala Development Limited,*** ma kellhiex *"locus standi in judicio";*

2. Kontra din is-sentenza, *Santumas,* ipproponiet żewġ petizzjonijiet għar-ritrattazzjoni tal-kawża u din il-Qorti b'sentenza parzjali tat-13 ta' Ottubru, 1992, iddisponiet mill-ewwel eċċezzjoni ta' *The National Investment Company* fis-sens, li għall-iskopijiet tat-talbiet għar-ritrattazzjoni, ma tistax din il-Qorti tirrifjuta dawk it-talbiet billi *Santumas,* li pproponiethom, m'għandhiex l-imsemmi *"locus standi"* inwkantu l-aċċettazzjoni ta' dik l-eċċezzjoni timplika *"petitio principii";*

3. Fil-kors tat-trattazzjoni però, ta' dik l-eċċezzjoni, l-istess *Santumas* issollevat kontro-eċċezzjoni fis-sens illi fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella ta' l-10 ta' Diċembru, 1985, (Dokument DD2) – ġew transuntati diversi dokumenti biex juru illi bis-saħħa tal-**liġi**, ta' l-4 ta' Frar, 1981, tas-*"Socialist People's Libyan Arab Jamaharija";*

*"All rights, assets and obbligations enjoyed or possessed by, or imposed on the National Investment Company of Libya*

*(N.I.C.) have been invested in and imposed on the Libyan Arab Foreign Investment Company (L.A.F.I.C.O.), which thus has become the legal successor in title to N.I.C. in respect of the property acquired by the deed in the records of Notary doctor Francis Micallef of the second (2nd) day of July one thousand nine hundred and seventy six (1976), and* ***in respect of all works and improvements carried out therein or thereon as well as in respect of all rights, interests and obbligations in connection therewith";***

Wara s-sentenza parzjali tagħha tat-13 ta' Ottubru, 1992, din il-Qorti nvitat lill-petizzjonanti soċjetà biex tirrifletti fuq il-konsegwenzi proċedurali ta' dak li hija stess kienet qed tesponi, sabiex taġixxi konformement, iżda wara li għadda ċertu żmien, din, xorta talbet li tingħata sentenza, kif għalhekk qed tingħata, il-preżenti sentenza;

5. *Ex admissis – Santumas –* qiegħda tgħid illi sa mill-**4 ta' Frar, 1981,** ta' l-istanza premessa fiċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-11 ta' Settembru, 1979, minn *Marsascala Development Limited* kontra *The National Investment Limited,* din l-aħħar soċjetà ma kinitx baqgħet il-leġittima kontradittriċi ta' l-azzjoni;

6. Quddiem din il-Qorti hemm żewġ petizzjonijiet ta' ritrattazzjoni – it-tnejn neċessarjament promossi kontra *The National Investment Limited* inkwantu l-kawża u s-sentenza li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni kienu kontra dik is-soċjetà;

Issa, kif intqal, dawk il-petizzjonijiet kellhom **neċessarjament** isiru kontra l-*N.I.C.* iżda, issa, sodisfatt dak l-aspett formali, irid jiġi sodisfatt l-element konkret ta' l-interess ġuridiku li hemm bżonn ikollha *Santumas* biex din il-proċedura

tkompli miexja;

7. Il-kweżit għalhekk huwa – x'inhu l-interess ġuridiku ta' *Santumas* li tipproponi r-ritrattazzjoni ta' kawża li s-sentenza tagħha lliberat lil *N.I.C.* mill-osservanza tal-ġudizzju meta, **issa,** wara l-ammissjoni ta' l-istess *Santumas,* l-azzjoni kontra *N.I.C.* ma tistax tirnexxi **ugwalment.** Jiġifieri fi kwalunkwe każ, *ex admissis,* ir-riżultat finali tal-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, skond l-istess soċjetà attriċi, ma jistax jinbidel. Dak li jista' jinbidel huma l-motivazzjonijiet tas-sentenza – billi issa l-motivazzjoni tkun l-illeġittimità tal-persuna konvenuta, waqt li s-sentenza attakkata kienet ibbażata fuq l-illeġittimità ta' *Santumas* li tassumi l-azzjoni, billi l-fużjoni minnha pretiża kienet nulla;

U dan in-nuqqas ta' interess jippersisti anki kontra l-argument li, impliċitament, *Santumas* avvanzat biex tiġġustifika t-talba biex tingħata din is-sentenza – jiġifieri, li hija għandha interess li l-kawża tiġi ritrattata għaliex b'hekk hija trid li l-Qorti, tibdel il-motivazzjoni tagħha rigward in-nullità tal-fużjoni – għaliex xorta waħda, raġġunt dak l-istadju m'hijiex, *ex admissis,* l-*N.I.C.* il-leġittima kontradittriċi ta' dik l-istanza, għaliex f'dak l-istadju, il-formalità li issa ssalva l-atti li se jiġu konkjużi b'din is-sentenza, hemmhekk tissopravvjeni l-esiġenza sostanzjali tal-kontradittur leġittimu li jrid ikun preżenti biex kull azzjoni ġudizzjarja u s-sentenza li ssegwiha, jkollhom valur;

Konsegwenza loġika ta' l-iskoperta ta' *Santumas,* kieku din ġrat meta l-kawża kienet għadha quddiem il-Qorti ta' prim'istanza, kienet tkun il-kjamata in kawża ta' l-imsemmija kumpanija akkwirenti *L.A.F.C.O.*, imma hawnhekk, qegħdin fi stadju ta' appell u, konċessa r-ritrattazzjoni, hija din il-Qorti

li trid tirritratta l-kawża u m'huwiex possibbli li jintbagħtu lura l-atti lill-Qorti ta' l-ewwel grad, biex din tordna l-kjamata in kawża, għaliex altrimenti r-ritrattazzjoni tkun trid issir minn dik il-Qorti u mhux minn din; u dan, apparti l-ġurisprudenza kuntrarja, (ara s-sentenza maġistrali ta' Sir Adriano Dingli fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-28 ta' Lulju, 1883, Schembri *vs* Buttigieg – Vol. X.1883), dan huwa assurd, għaliex dik il-Qorti kienet waslet, fis-sentenza tat-22 ta' Jannar, 1986, għall-konklużjoni favorevoli għat-teżi tal-petizzjonanti li l-fużjoni kienet valida, u konsegwentement ma tistax dik il-Qorti tintalab tirritratta kawża u sentenza bħal dik;

8. Il-validità o meno tal-fużjoni bejn *Marsascala* u *Santumas* mhix materja li tista' tinteressa lill-*N.I.C.* u lanqas setgħet tinteressaha wara l-4 ta' Frar, 1981, inwkantu minn dik id-data hija kienet ġiet svestita minn kull interess li setgħa kellha fil-proprjetà li kienet akkwistat mingħand *Marsascala* – anki għaliex u prinċipalment dan l-interess kien spiċċa qabel il-pretiża fużjoni bejn *Marsascala* u *Santumas*, u għalhekk **qabel** l-eċċezzjoni tal-*N.I.C.* kontra l-fużjoni;

10. Għaldaqstant il-Qorti qed tiddisponi miż-żewġ petizzjonijiet għar-ritrattazzjoni billi tiċħadhom inkwantu huma diretti kontra *The National Investment Company* billi din m'għandhiex sostanzjalment il-leġittima kontradittriċi ta' l-istanza prinċipali, u għalhekk lanqas ta' din, u għalhekk lanqas ma jista' jeżisti aktar in-neċessarju interess ġuridiku għall-eventwali prosegwiment tal-vertenza bejn il-partijiet preżenti;

L-ispejjeż, għar-raġunijiet mogħtija, billi l-imsemmija *The National Investment Company* ma wrietx in-nuqqas ta' interess tagħha fil-kawża wara l-4 ta' Frar, 1981, – jibqgħu bla taxxa

bejn il-partijiet kull fejn ma ġewx irregolati mod ieħor.